# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 83

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

6 ta' Marzu 2023

Werrej

## IV *Informazzjoni*

### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

2023/C 83/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . . . 1

## V *Avviżi*

### PROĊEDURI TAL-QORTI

#### Il-Qorti tal-Ġustizzja

2023/C 83/02 Kawża C-632/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-17 ta' Jannar 2023 – Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Relazzjonijiet esterni – Ftehim ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Kosovo, minn naħa oħra – Komunikazzjonijiet elettroniċi – Regolament (UE) 2018/1971 – Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) – Artikolu 35(2) – Parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja tal-Kosovo f'dan il-korp – Kunċetti ta' "pajjiż terz" u ta' "Stat terz" – Kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea) . . . . . 2

2023/C 83/03 Kawżi Magħquda C-680/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-19 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Unilever Italia Mkt. Operations Srl vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Artikolu 102 TFUE – Pożizzjoni dominanti – Imputazzjoni lill-produttur tal-aġir tad-distributuri tiegħu – Eżistenza ta' rabtiet kuntrattwali bejn il-produttur u d-distributuri – Kunċett ta' "unità ekonomika" – Kamp ta' applikazzjoni – Operat abbużiv – Klawżola ta' esklużività – Ħtieġa li jintwerew l-effetti fuq is-suq) . . . . . 3

MT

2023/C 83/04 Kawża C-147/21, CIHEF et: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-19 ta’ Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d’État – Franza) – Comité interprofessionnel des huiles essentielles françaises (CIHEF) *et* vs Ministre de la Transition écologique, Premier ministre (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Prodotti bijoċidali – Regolament (UE) Nru 528/2012 – Artikolu 72 – Moviment liberu tal-merkanzija – Artikolu 34 TFUE – Possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw miżuri restrittivi fil-qasam tal-prattiki kummerċjali u tar-reklamar – Modalitajiet ta’ bejgħ li ma jaqgħux taħt il-qasam ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE – Ġustifikazzjoni – Artikolu 36 TFUE – Għan ta’ preservazzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent – Proporzjonalità) . . . . . 3

2023/C 83/05 Kawża C-162/21, Pesticide Action Network Europe *et*: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta’ Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d’État – il-Belġju) – Pesticide Action Network Europe, Nature et Progrès Belgique ASBL, TN vs État belge (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Regolament (KE) Nru 1107/2009 – Tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Artikolu 53(1) – Sitwazzjonijiet ta’ emerġenza fil-protezzjoni tal-pjanti – Deroga – Kamp ta’ applikazzjoni – Żrieragħ ittrattati permezz ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Neonikotinojdi – Sustanzi attivi li huma ta’ riskju kbir għan-naħal – Projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq u tal-użu estern taż-żrieragħ ittrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi – Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/784 u Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/785. – Nuqqas ta’ applikabbiltà tad-deroga – Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent – Prinċipju ta’ prekawzjoni) . . . . . 5

2023/C 83/06 Kawża C-292/21, CNAE et: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-19 ta’ Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Administración General del Estado, Confederación Nacional de Autoescuelas (CNAE), UTE CNAE-ITT-FORMASTER-ECT vs Asociación para la Defensa de los Intereses Comunes de las Autoescuelas (AUDICA), Ministerio Fiscal (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/123/KE – Servizzi fis-suq intern – Artikolu 2(2)(d) – Kamp ta’ applikazzjoni ratione materiae – Servizzi fil-qasam tat-trasport – Provvista ta’ kors ta’ sensibilizzazzjoni u ta’ taħriġ mill-ġdid dwar is-sigurtà fit-toroq għall-irkupru ta’ punti ta’ liċenzja tas-sewqan – Konċessjoni ta’ servizz pubbliku – Artikolu 15 – Rekwiżiti – Tqassim tat-territorju rilevanti f’ħames lottijiet – Limitu kwantitattiv u territorjali ta’ aċċess għall-attività kkonċernata – Raġunijiet imperattivi ta’ interess ġenerali – Ġustifikazzjoni – Sigurtà fit-toroq – Proporzjonalità – Servizz ta’ importanza ekonomika ġenerali) . . . . . 6

2023/C 83/07 Kawżi Magħquda C-495/21 u C-496/21, Bundesrepublik Deutschland (Qtar għall-imnifsejn) et: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’Awla) tad-19 ta’ Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – L. GmbH (C-495/21), H. Ltd (C-496/21) vs Bundesrepublik Deutschland (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Mezzi mediċi – Direttiva 93/42/KEE – Artikolu 1(2)(a) – Definizzjoni – Artikolu 1(5)(ċ) – Kamp ta’ applikazzjoni – Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem – Direttiva 2001/83/KE – Il-punt 2 tal-Artikolu 1 – Definizzjoni tal-kunċett ta’ “prodott mediċinali” – Artikolu 2(2) – Kuntest ġuridiku applikabbli – Klassifikazzjoni bħala “mezz mediku” jew bħala “prodott mediċinali”) . . . . . 6

2023/C 83/08 Kawża C-506/22, SNI: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta’ Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Judecătoria Câmpina – ir-Rumanija) – proċeduri kriminali kontra SNI (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rekwiżit li jiġu indikati r-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta’ risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja – Rekwiżit li tiġi indikata r-rabta bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li tagħhom qiegħdha tintalab l-interpretazzjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli – Assenza ta’ preċiżazzjonijiet suffiċjenti – Inammissibbiltà manifesta) . . . . . 7

2023/C 83/09 Kawża C-137/22 P: Appell ippreżentat fis-26 ta’ Frar 2022 minn Georgios Theodorakis et Maria Theodoraki mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla Estiża) fis-17 ta’ Diċembru 2021 fil-Kawża T-495/14, Theodorakis u Theodoraki vs Il-Kunsill . . . . . 8

2023/C 83/10 Kawża C-691/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d’État (il-Belġju) fid-9 ta’ Novembru 2022 – RTL Belgium SA u RTL BELUX SA & Cie SECS vs Conseil supérieur de l’audiovisuel (CSA) . . . . . 8

2023/C 83/11 Kawża C-692/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d’État (il-Belġju) fid-9 ta’ Novembru 2022 – RTL Belgium SA u RTL BELUX SA & Cie SECS vs Conseil supérieur de l’audiovisuel (CSA) . . . . . 9

2023/C 83/12 Kawża C-716/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal judiciaire d’Auch (Franza) fit-23 ta’ Novembru 2022 – EP vs Préfet du Gers, Institut national de la statistique et des études économiques (INSEE) . . . . . 10

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 83/13 | Kawża C-738/22 P: Appell ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2022 minn Google LLC, Alphabet, Inc. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) fl-14 ta' Settembru 2022 fil-Kawża T-604/18, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni | 11 |
| 2023/C 83/14 | Kawża C-23/23: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta | 13 |
| 2023/C 83/15 | Kawża C-26/23 P: Appell ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2023 minn Citizens' Committee of the European Citizens' Initiative "Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe" mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fid-9 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-158/21, Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe vs Il-Kummissjoni | 14 |

**Il-Qorti Ġenerali**

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 83/16 | Kawża T-617/17 RENV: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni ("Responabbiltà mhux kuntrattwali – Strument ta' għajnuna għal qabel l-adeżjoni – Investigazzjoni tal-OLAF – Spezzjoni fuq il-post – Irregolaritajiet u nuqqasijiet allegatament imwettqa mill-Kummissjoni – Dritt għal smigħ – Dannu morali – Rabta kawżali") | 15 |
| 2023/C 83/17 | Kawża T-537/18: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni ("Strument ta' għajnuna għal qabel l-adeżjoni – Sussidju – Investigazzjonijiet tal-OLAF – Sanzjoni amministrattiva – Esklużjoni tal-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti u tal-għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal perijodu ta' sentejn – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2185/96 – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Aspettattivi leġittimi – Ġurisdizzjoni sħiħa – Proporzjonalità tas-sanzjoni") | 15 |
| 2023/C 83/18 | Kawża T-626/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Dicembru 2022 – Landwärme vs Il-Kummissjoni ("Għajnuna mill-Istat – Suq tal-bijogass – Eżenzjonijiet fiskali li jikkumpensaw l-ispejjeż addizzjonali ta' produzzjoni – Deċiżjonijiet li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Assenza ta' ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali – Diffikultajiet serji – Artikolu 108(2) u (3) TFUE – Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2015/1589 – Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija għall-perijodu 2014-2020 – Kumulu ta' għajnuna – Għajnuna mogħtija minn diversi Stati Membri – Bijogass importat – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Artikolu 110 TFUE") | 16 |
| 2023/C 83/19 | Kawża T-746/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Grünig vs Il-Kummissjoni ("Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw miċ-Ċina – Dazji antidumping definittivi – Eżenzjoni ta' importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' użu finali – Rikors għal annullament – Natura diviżibbli – Att regolatorju li jinkludi miżuri ta' eżekuzzjoni – Inċidenza diretta – Att li jista' jiġi kkontestat – Ammissibbiltà – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Dazju impost b'mod nondiskriminatorju – Ugwaljanza fit-trattament") | 17 |
| 2023/C 83/20 | Kawża T-747/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – EOC Belgium vs Il-Kummissjoni ("Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw miċ-Ċina – Dazji antidumping definittivi – Eżenzjoni ta' importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' użu finali – Rikors għal annullament – Natura diviżibbli – Att regolatorju li jinkludi miżuri ta' eżekuzzjoni – Inċidenza diretta – Att li jista' jiġi kkontestat – Ammissibbiltà – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Dazju impost b'mod nondiskriminatorju – Ugwaljanza fit-trattament") | 18 |
| 2023/C 83/21 | Kawża T-33/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2023 – Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni ("FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Infiq imwettaq mir-Rumanija – Programm nazzjonali għall-iżvilupp rurali 2007-2013 – Metodi ta' kalkolu tar-rati ta' sostenn relatati mas-submiżura '1a' tal-miżura 215 – Pagamenti għall-benesseri tal-'ħnieżer għas-simna' u 'ħnieżer qabel ir-refgħa' – Żieda ta' mill-inqas 10 % tal-ispazju disponibbli allokat lil kull annimal – Obbligu ta' motivazzjoni – Aspettattivi leġittimi – Ċertezza legali – Klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti – Artikolu 12(6) u (7) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 – Linji gwida dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità u ta' clearance tal-kontijiet") | 18 |
| 2023/C 83/22 | Kawża T-187/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Firearms United Network vs Il-Kummissjoni ("REACH – Regolament (UE) 2021/57 – Aġġornament tal-Anness XVII tar- Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Restrizzjoni fuq iċ-ċomb – Użu taċ-ċomb mill-kaċċa fl-artijiet mistagħdra jew madwarhom – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Proporzjonalità – Ċertezza legali – Preżunzjoni ta' innoċenza") | 19 |

2023/C 83/23 Kawża T-330/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta’ Diċembru 2022 – EWC Academy vs Il-Kummissjoni (“Politika soċjali – Sussidji intiżi għal azzjonijiet previsti li jippromwovu l-inizjattivi fil-qasam tal-governanza tal-impriżi – Sejħa għal proposti VP/2020/008 – Esklużjoni tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej li ma għandhomx personalità ġuridika – Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1046”) . . . . . . 20

2023/C 83/24 Kawża T-443/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta’ Jannar 2023 – YAplus DBA Yoga Alliance vs EUIPO – Vidyanand (YOGA ALLIANCE INDIA INTERNATIONAL) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva YOGA ALLIANCE INDIA INTERNATIONAL – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti yoga ALLIANCE – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Eżami ex officio tal-fatti – Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001”) . . . . . . 20

2023/C 83/25 Kawża T-644/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta’ Diċembru 2022 – Pharmadom vs EUIPO – Wellbe Pharmaceuticals (WellBe PHARMACEUTICALS) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva WellBe PHARMACEUTICALS – Trade mark nazzjonali verbali preċedenti WELL AND WELL – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Assenza ta’ xebh bejn sinjali – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”) . . . . . . 21

2023/C 83/26 Kawża T-726/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta’ Jannar 2023 – Rolex vs EUIPO – PWT (Rappreżentazzjoni ta’ kuruna) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – -Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva li tirrappreżenta kuruna – Trade marks figurattivi preċedenti tal-Unjoni Ewropea li jirrappreżentaw kuruna u ROLEX – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Assenza ta’ ħsara għar-reputazzjoni – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001)”) . . . . . . 22

2023/C 83/27 Kawża T-758/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta’ Jannar 2023 – Dorsum vs EUIPO – id Quantique (Clavis) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Clavis – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea preċedenti CLAVIS – Assenza ta’ identifikazzjoni tat-trade mark preċedenti fl-att ta’ oppożizzjoni – Kundizzjonijiet għall- ammissibbiltà tal-oppożizzjoni”) . . . . . . 22

2023/C 83/28 Kawża T-4/22: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta’ Diċembru 2022 – Puma vs EUIPO – DN Solutions (PUMA) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea PUMA – Trade mark figurattiva internazzjonali preċedenti PUMA – Raġuni relattiva għal rifjut – Ħsara lir-reputazzjoni – Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”) . . . . . . 23

2023/C 83/29 Kawża T-118/22: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta’ Diċembru 2022 – OM vs Il-Kummissjoni (“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Reklutaġġ – Avviż ta’ pożizzjoni vakanti – Ċaħda ta’ kandidatura – Ħatra ta’ kandidat ieħor – Pożizzjoni ta’ membru tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju – Obbligu ta’ motivazzjoni – Ksur tal-avviż ta’ pożizzjoni vakanti – Aspettattivi leġittimi – Ugwaljanza fit-trattament – Żball manifest ta’ evalwazzjoni”) . . . . . . 24

2023/C 83/30 Kawża T-166/22: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta’ Jannar 2023 – Seifert vs Il-Kunsill (“Rikors għal annullament – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Miżuri li jkopru liċ-ċittadini Russi, lill-persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja u lill-persuni ġuridiċi, entitajiet u organi stabbiliti fir-Russja – Assenza ta’ interess ġuridiku – Inammissibbiltà”) . . . . . . 24

2023/C 83/31 Kawża T-500/22 R: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Jannar 2023 – Vleuten Insects u New Generation Nutrition vs Il-Kummissjoni (“Miżuri provviżorji – Sigurtà tal-prodotti tal-ikel – Ikel ġdid – Regolament (UE) 2015/2283 – Awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-larva ta’ Alphitobius diaperinus – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta’ urġenza”) . . . . . . 25

2023/C 83/32 Kawża T-689/22: Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Novembru 2022 – SN vs Il-Kummissjoni . . . . . . 25

2023/C 83/33 Kawża T-784/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Diċembru 2022 – Zásilkovna vs Il-Kummissjoni . . . . 26

2023/C 83/34 Kawża T-7/23: Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Jannar 2023 – Franza vs Il-Kummissjoni . . . . . . 27

2023/C 83/35 Kawża T-13/23: Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Jannar 2023 – Balaban vs EUIPO – Shenzhen Stahlwerk Welding Technology (STAHLWERK) . . . . . . 27

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 83/36 | Kawża T-19/23: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2023 – Laboratorios Normon vs EUIPO – Sofar (NORMOCARE) | 28 |
| 2023/C 83/37 | Kawża T-20/23: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2023 – Japan Tobacco vs EUIPO – Dunhill Tobacco of London (FLOW FILTER) | 29 |
| 2023/C 83/38 | Kawża T-21/23: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2023 – Chart vs EUIPO (ABSOLUTEFLOW) | 30 |
| 2023/C 83/39 | Kawża T-22/23: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2023 – Markt-Pilot vs EUIPO (MARKT-PILOT) | 30 |
| 2023/C 83/40 | Kawża T-518/22: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2023 – GKP vs EUIPO – Cristalfarma (TIARA RUBIS) | 31 |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2023/C 83/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 71, 27.2.2023

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 63, 20.2.2023

ĠU C 54, 13.2.2023

ĠU C 45, 6.2.2023

ĠU C 35, 30.1.2023

ĠU C 24, 23.1.2023

ĠU C 15, 16.1.2023

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-17 ta' Jannar 2023 – Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-632/20 P)** [1]

***(Appell – Relazzjonijiet esterni – Ftehim ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Kosovo, minn naħa oħra – Komunikazzjonijiet elettroniċi – Regolament (UE) 2018/1971 – Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) – Artikolu 35(2) – Parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja tal-Kosovo f'dan il-korp – Kunċetti ta' "pajjiż terz" u ta' "Stat terz" – Kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea)***

(2023/C 83/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Appellant:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment Centeno Huerta, sussegwentement, A. Gavela Llopis, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, M. Kellerbauer u T. Ramopoulos, aġenti)

### Dispożittiv

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-370/19, EU:T:2020:440), hija annullata.

2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2019 dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tal-Kosovo fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi hija annullata.

3) L-effetti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2019 dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tal-Kosovo fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għandhom jinżammu sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jistax jaqbeż is-sitt xhur mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ta' eventwali arranġamenti ġodda ta' ħidma konklużi bis-saħħa tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (KE) Nru 1211/2009, bejn il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC) u l-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Kosovo.

4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mir-Renju ta' Spanja fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' appell kif ukoll fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU C 62, 22.02.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-19 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Unilever Italia Mkt. Operations Srl vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato**

**(Kawżi Magħquda C-680/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Artikolu 102 TFUE – Pożizzjoni dominanti – Imputazzjoni lill-produttur tal-aġir tad-distributuri tiegħu – Eżistenza ta' rabtiet kuntrattwali bejn il-produttur u d-distributuri – Kunċett ta' "unità ekonomika" – Kamp ta' applikazzjoni – Operat abbużiv – Klawżola ta' esklużività – Ħtieġa li jintwerew l-effetti fuq is-suq)***

(2023/C 83/03)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Unilever Italia Mkt. Operations Srl

*Konvenuta:* Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

*Fil-preżenza ta':* La Bomba Snc

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-aġir adottat mid-distributuri li jagħmlu parti min-network ta' distribuzzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi ta' produttur li jgawdi minn pożizzjoni dominanti jista' jiġi imputat lil dan tal-aħħar jekk jiġi stabbilit li dan l-aġir ma ġiex adottat b'mod indipendenti mill-imsemmija distributuri, iżda li huwa parti minn politika deċiża unilateralment minn dan il-produttur u implimentata mill-intermedjarju tal-imsemmija distributuri.

2) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-preżenza ta' klawżoli ta' esklużività li jinsabu f'kuntratti ta' distribuzzjoni, awtorità tal-kompetizzjoni hija obbligata, sabiex tikkonstata abbuż minn pożizzjoni dominanti, li tistabbilixxi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha u fid-dawl, b'mod partikolari, tal-analiżi ekonomiċi prodotti, jekk ikun il-każ, mill-impriża f'pożizzjoni dominanti fir-rigward tan-nuqqas tal-kapaċità tal-aġir inkwistjoni li jeskludi mis-suq il-kompetituri daqstant effettivi daqsha, li dawn il-klawżoli għandhom il-kapaċità li jirrestrinġu l-kompetizzjoni. L-użu ta' test hekk imsejjaħ "tal-kompetitur daqstant effettiv" huwa ta' natura fakultattiva. Madankollu, jekk ir-riżultati ta' tali test jiġu ppreżentati mill-impriża kkonċernata matul il-proċedura amministrattiva, l-awtorità tal-kompetizzjoni hija obbligata teżamina l-valur probatorju tiegħu.

([1]) ĠU C 79, 8.3.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Comité interprofessionnel des huiles essentielles françaises (CIHEF) *et* vs Ministre de la Transition écologique, Premier ministre**

**(Kawża C-147/21** ([1])**, CIHEF et)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Prodotti bijoċidali – Regolament (UE) Nru 528/2012 – Artikolu 72 – Moviment liberu tal-merkanzija – Artikolu 34 TFUE – Possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw miżuri restrittivi fil-qasam tal-prattiki kummerċjali u tar-reklamar – Modalitajiet ta' bejgħ li ma jaqgħux taħt il-qasam ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE – Ġustifikazzjoni – Artikolu 36 TFUE – Għan ta' preservazzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent – Proporzjonalità)***

(2023/C 83/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Comité interprofessionnel des huiles essentielles françaises (CIHEF), Florame, Hyteck Aroma-Zone, Laboratoires Gilbert, Laboratoire Léa Nature, Laboratoires Oméga Pharma France, Pierre Fabre Médicament, Pranarom France, Puressentiel France

*Konvenuti:* Ministre de la Transition écologique, Premier ministre

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 334/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2014, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi l-inklużjoni ta' dikjarazzjoni, minbarra dik prevista f'dan l-artikolu, fuq ir-reklamar intiż għal professjonisti favur prodotti bijoċidali li jaqgħu taħt tipi ta' prodotti 2 u 4, inkluż fil-grupp 1 ta' dawn it-tipi ta' prodotti, li jinsabu fl-Anness V ta' dan ir-regolament, kif ukoll tipi ta' prodotti 14 u 18, inkluż fil-grupp 3 ta' dawn it-tipi ta' prodotti, li jinsabu fl-Anness V tal-imsemmi regolament;

— u li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi r-reklamar intiż għall-pubbliku ġenerali favur prodotti bijoċidali li jaqgħu taħt tipi ta' prodotti 2 u 4, inkluż fil-grupp 1 ta' dawn it-tipi ta' prodotti, li jinsabu fl-Anness V tar-Regolament Nru 528/2012, kif emendat bir-Regolament Nru 334/2014, kif ukoll tipi ta' prodotti 14 u 18, inkluż fil-grupp 3 ta' dawn it-tipi ta' prodotti, li jinsabu fl-Anness V ta' dan ir-regolament.

2) L-Artikoli 34 u 36 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

— ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi ċerti prattiki kummerċjali bħal skontijiet, riduzzjoni tal-prezz, tnaqqis, differenzi bejn kundizzjonijiet ġenerali u dawk speċjali tal-bejgħ, l-għoti ta' unitajiet b'xejn u kwalunkwe prattiki ekwivalenti, li jirrigwardaw il-prodotti bijoċidali li jaqgħu taħt tipi ta' prodotti 14 u 18, inkluż fil-grupp 3 ta' dawn it-tipi ta' prodotti, li jinsabu fl-Anness V tar-Regolament Nru 528/2012, kif emendat bir-Regolament Nru 334/2014, meta din il-leġiżlazzjoni hija ġġustifikata minn għanijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni kif ukoll tal-ambjent, li hija xierqa sabiex tiżgura t-twettiq ta' dawn l-għanijiet u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaqhom, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju;

— u li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi r-reklamar intiż għall-pubbliku ġenerali favur prodotti bijoċidali li jaqgħu taħt tipi ta' prodotti 2 u 4, inkluż fil-grupp 1 ta' dawn it-tipi ta' prodotti, li jinsabu fl-Anness V ta' dan ir-regolament, kif ukoll tipi ta' prodotti 14 u 18, inkluż fil-grupp 3 ta' dawn it-tipi ta' prodotti, li jinsabu fl-Anness V tal-imsemmi regolament, meta din il-leġiżlazzjoni hija ġġustifikata minn għanijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni kif ukoll tal-ambjent, li hija xierqa sabiex tiżgura t-twettiq ta' dawn l-għanijiet u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaqhom, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju

---

([1]) ĠU C 215, 29.6.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – il-Belġju) – Pesticide Action Network Europe, Nature et Progrès Belgique ASBL, TN vs État belge**

**(Kawża C-162/21 [1], Pesticide Action Network Europe *et*)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Regolament (KE) Nru 1107/2009 – Tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Artikolu 53(1) – Sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-protezzjoni tal-pjanti – Deroga – Kamp ta' applikazzjoni – Żrieragħ ittrattati permezz ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Neonikotinojdi – Sustanzi attivi li huma ta' riskju kbir għan-naħal – Projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq u tal-użu estern taż-żrieragħ ittrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/784 u Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/785. – Nuqqas ta' applikabbiltà tad-deroga – Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent – Prinċipju ta' prekawzjoni)***

(2023/C 83/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Pesticide Action Network Europe, Nature et Progrès Belgique ASBL, TN

*Konvenut:* État belge

*Fil-preżenza ta':* Sesvanderhave SA, Confédération des Betteraviers Belges ASBL, Société Générale des Fabricants de Sucre de Belgique ASBL (Subel), Isera & Scaldis Sugar SA (Iscal Sugar), Raffinerie Tirlemontoise SA

**Dispożittiv**

L-Artikolu 53(1) tar-Regolament Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jippermettix lil Stat Membru jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għat-trattament taż-żrieragħ, kif ukoll it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' żrieragħ ittrattati permezz ta' dawn il-prodotti, peress li t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' żrieragħ ittrattati permezz ta' dawn l-istess prodotti kienu ġew espressament ipprojbiti permezz ta' regolament ta' implimentazzjoni.

[1] ĠU C 242, 21.6.2021

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-19 ta’ Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Administración General del Estado, Confederación Nacional de Autoescuelas (CNAE), UTE CNAE-ITT-FORMASTER-ECT vs Asociación para la Defensa de los Intereses Comunes de las Autoescuelas (AUDICA), Ministerio Fiscal**

**(Kawża C-292/21 [1], CNAE et)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/123/KE – Servizzi fis-suq intern – Artikolu 2(2)(d) – Kamp ta’ applikazzjoni ratione materiae – Servizzi fil-qasam tat-trasport – Provvista ta’ kors ta’ sensibilizzazzjoni u ta’ taħriġ mill-ġdid dwar is-sigurtà fit-toroq għall-irkupru ta’ punti ta’ liċenzja tas-sewqan – Konċessjoni ta’ servizz pubbliku – Artikolu 15 – Rekwiżiti – Tqassim tat-territorju rilevanti f’ħames lottijiet – Limitu kwantitattiv u territorjali ta’ aċċess għall-attività kkonċernata – Raġunijiet imperattivi ta’ interess ġenerali – Ġustifikazzjoni – Sigurtà fit-toroq – Proporzjonalità – Servizz ta’ importanza ekonomika ġenerali)***

(2023/C 83/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Administración General del Estado, Confederación Nacional de Autoescuelas (CNAE), UTE CNAE-ITT-FORMASTER-ECT

*Konvenuti:* Asociación para la Defensa de los Intereses Comunes de las Autoescuelas (AUDICA), Ministerio Fiscal

**Dispożittiv**

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-għoti tal-korsijiet ta’ sensibilizzazzjoni u ta’ taħriġ mill-ġdid dwar is-sigurtà fit-toroq għall-irkupru ta’ punti ta’ liċenzja tas-sewqan għandu jsir permezz ta’ konċessjoni ta’ servizz pubbliku, sa fejn din il-leġiżlazzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta’ interess ġenerali mfittex, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fit-toroq.

(1) ĠU C 329, 16.8.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’Awla) tad-19 ta’ Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – L. GmbH (C-495/21), H. Ltd (C-496/21) vs Bundesrepublik Deutschland**

**(Kawżi Magħquda C-495/21 u C-496/21 [1], Bundesrepublik Deutschland (Qtar għall-imnifsejn) et)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Mezzi mediċi – Direttiva 93/42/KEE – Artikolu 1(2)(a) – Definizzjoni – Artikolu 1(5)(ċ) – Kamp ta’ applikazzjoni – Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem – Direttiva 2001/83/KE – Il-punt 2 tal-Artikolu 1 – Definizzjoni tal-kunċett ta’ “prodott mediċinali” – Artikolu 2(2) – Kuntest ġuridiku applikabbli – Klassifikazzjoni bħala “mezz mediku” jew bħala “prodott mediċinali”)***

(2023/C 83/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* L. GmbH (C-495/21), H. Ltd (C-496/21)

*Konvenut:* Bundesrepublik Deutschland

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2004,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   japplika mhux biss għall-"prodotti mediċinali minħabba użu", imsemmija fl-inċiż (b) tal-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83, kif emendata, iżda wkoll għall-"prodotti mediċinali minħabba preżentazzjoni", imsemmija fl-inċiż (a) tal-punt 2 tal-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva.

2) L-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi, kif emendata bid-Direttiva 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007, kif ukoll il-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83, kif emendata bid-Direttiva 2004/27,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   meta l-metodu ta' azzjoni prinċipali ta' prodott ma huwiex ikkonstatat xjentifikament, dan il-prodott la jista' jkun kopert mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "mezz mediku", fis-sens tad-Direttiva 93/42, kif emendata bid-Direttiva 2007/47, u lanqas minn dik ta' "prodott mediċinali minħabba użu", fis-sens tad-Direttiva 2001/83, kif emendata bid-Direttiva 2004/27. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw, każ b'każ, jekk il-kundizzjonijiet relatati mad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodott mediċinali minħabba preżentazzjoni", fis-sens tad-Direttiva 2001/83, kif emendata bid-Direttiva 2004/27, humiex issodisfatti.

(1) ĠU C 471, 22.11.2021.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Judecătoria Câmpina – ir-Rumanija) – proċeduri kriminali kontra SNI**

**(Kawża C-506/22 (1), SNI)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rekwiżit li jiġu indikati r-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta' risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja – Rekwiżit li tiġi indikata r-rabta bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li tagħhom qiegħdha tintalab l-interpretazzjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli – Assenza ta' preċiżazzjonijiet suffiċjenti – Inammissibbiltà manifesta)***

(2023/C 83/08)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Judecătoria Câmpina

**Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali**

SNI

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Judecătoria Câmpina (Il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Câmpina, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2022, hija manifestament inammissibbli.

(1) Data tat-tressiq: 26.07.2022

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Frar 2022 minn Georgios Theodorakis et Maria Theodoraki mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla Estiża) fis-17 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-495/14, Theodorakis u Theodoraki vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-137/22 P)**

(2023/C 83/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

Appellanti: Georgios Theodorakis u Maria Theodoraki, (rappreżentanti: Vasileios – Spyridon Christianos, Alexandros Politis u Maria Christina Vlachou, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tas-17 ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament infondat

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fid-9 ta' Novembru 2022 – RTL Belgium SA u RTL BELUX SA & Cie SECS vs Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA)**

**(Kawża C-691/22)**

(2023/C 83/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* RTL Belgium SA, RTL BELUX SA & Cie SECS

*Konvenut:* Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA)

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 1(c) sa 1(f), 2, 3 u 4 tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15), moqrija fid-dawl tal-għan li tiġi evitata sitwazzjoni ta' kompetenza doppja espressa fil-premessi 34 u 35 ta' din id-direttiva, kif ukoll l-Artikoli 4(3) TUE u 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li awtorità regolatorja, li tqis li l-Istat Membru li taqa' taħtu huwa dak li fih tkun stabbilita l-persuna li għandha titqies bħala l-fornitur ta' servizz tal-midja, tkun tista' timponi sanzjoni fuq din il-persuna meta l-ewwel Stat Membru jkun diġà qies li huwa kompetenti fir-rigward ta' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva li għalih ta konċessjoni?

2) Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, iggarantit mill-Artikolu 4(3) TUE (li kien l-Artikolu 10 TKE), għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-Istat Membru li għandu l-intenzjoni li jeżerċita kompetenza fuq dan is-servizz, meta l-ewwel Stat Membru jkun diġà eżerċitaha, li jitlob lill-ewwel Stat Membru sabiex jirtira l-konċessjoni li jkun ta fir-rigward ta' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva u, fil-każ tar-rifjut min-naħa ta' dan l-ewwel Stat Membru, li jressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-ewwel Stat Membru (l-Artikolu 258 TFUE) jew billi jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa stess (l-Artikolu 259 TFUE), u li jastjeni minn kwalunkwe att materjali jew legali li jkun l-espressjoni tal-pretensjoni tiegħu ta' kompetenza fir-rigward ta' dan is-servizz, ħlief jekk u sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiddeċiedi favur tiegħu?

3) L-istess prinċipju neċessarjament jimplika li Stat Membru li jixtieq jeżerċita kompetenza fuq servizz tal-midja awdjoviżiva, meta l-ewwel Stat Membru diġà jeżerċita tali kompetenza, għandu, qabel ma jadotta kwalunkwe att materjali jew legali li jkun l-espressjoni tal-pretensjoni tiegħu ta' kompetenza fir-rigward ta' dan is-servizz u, indipendentement mill-ftuħ tal-proċeduri msemmija fit-tieni domanda,

a) jikkonsulta lill-ewwel Stat Membru bil-ħsieb li jaslu, jekk ikun possibbli, għal soluzzjoni komuni?; u/jew

b) jitlob li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Kumitat ta' Kuntatt stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/13/UE, iċċitata iktar 'il fuq?; u/jew

c) jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea?; u/jew

d) jistieden lill-ewwel Stat Membru, li ta konċessjoni fir-rigward ta' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva, li jirtiraha u, f'każ ta' rifjut, juża l-proċeduri ġudizzjarji disponibbli u effettivi f'dan l-ewwel Stat Membru sabiex jikkontesta dan ir-rifjut li l-konċessjoni tiġi rtirata?

4) Ir-risposta li tingħata għat-tieni u għat-tielet domanda hija influwenzata mill-fatt li r-regolatur awdjoviżiv għandu personalità ġuridika distinta u rimedji differenti mill-Istat Membru li jaqa' taħtu?

5) Fis-sitwazzjoni fejn servizz tal-midja awdjoviżiva jkun is-suġġett ta' konċessjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru, l-Artikolu 344 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE u mad-Direttiva 2010/13/UE, iċċitata iktar 'il fuq, jipprojbixxi li qorti nazzjonali tat-tieni Stat Membru tiddeċiedi li l-awtorità regolatorja ta' dan it-tieni Stat Membru ġustament qieset lilha nnifisha kompetenti sabiex tissorvelja dan is-servizz, peress li, billi tagħmel dan, dik il-qorti tkun impliċitament iddeċidiet li l-ewwel Stat Membru interpreta l-kompetenza tiegħu b'mod ħażin u tkun indirettament tat deċiżjoni dwar tilwima bejn żewġ Stati Membri dwar l-interpretazzjoni u/jew l-applikazzjoni tad-dritt Ewropew? F'tali sitwazzjoni, il-qorti nazzjonali ta' dan it-tieni Stat Membru għandha sempliċiment tannulla d-deċiżjoni ta' din l-awtorità regolatorja, għar-raġuni li s-servizz tal-midja awdjoviżiva inkwistjoni diġà kien is-suġġett ta' konċessjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fid-9 ta' Novembru 2022 – RTL Belgium SA u RTL BELUX SA & Cie SECS vs Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA)**

**(Kawża C-692/22)**

(2023/C 83/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* RTL Belgium SA, RTL BELUX SA & Cie SECS

*Konvenut:* Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA)

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 1(c) sa 1(f), 2, 3 u 4 tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15), moqrija fid-dawl tal-għan li tiġi evitata sitwazzjoni ta' kompetenza doppja espress fil-premessi 34 u 35 ta' din id-direttiva, kif ukoll l-Artikoli 4(3) TUE u 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li awtorità regolatorja, li tqis li l-Istat Membru li taqa' taħtu huwa dak li fih tkun stabbilita l-persuna li għandha titqies bħala l-fornitur ta' servizz tal-midja, tkun tista' timponi sanzjoni fuq din il-persuna meta l-ewwel Stat Membru jkun diġà qies li huwa kompetenti fir-rigward ta' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva li għalih ta konċessjoni?

2) Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, iggarantit mill-Artikolu 4(3) TUE (li kien l-Artikolu 10 TKE), għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-Istat Membru li għandu l-intenzjoni li jeżerċita kompetenza fuq dan is-servizz, meta l-ewwel Stat Membru jkun diġà eżerċitaha, li jitlob lill-ewwel Stat Membru sabiex jirtira l-konċessjoni li jkun ta fir-rigward ta' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva u, fil-każ tar-rifjut min-naħa ta' dan l-ewwel Stat Membru, li jressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-ewwel Stat Membru (l-Artikolu 258 TFUE) jew billi jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa stess (l-Artikolu 259 TFUE), u li jastjeni minn kwalunkwe att materjali jew legali li jkun l-espressjoni tal-pretensjoni tiegħu ta' kompetenza fir-rigward ta' dan is-servizz, ħlief jekk u sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiddeċiedi favur tiegħu?

3) L-istess prinċipju neċessarjament jimplika li Stat Membru li jixtieq jeżerċita kompetenza fuq servizz tal-midja awdjoviżiva, meta l-ewwel Stat Membru diġà jeżerċita tali kompetenza, għandu, qabel ma jadotta kwalunkwe att materjali jew legali li jkun l-espressjoni tal-pretensjoni tiegħu ta' kompetenza fir-rigward ta' dan is-servizz u, indipendentement mill-ftuħ tal-proċeduri msemmija fit-tieni domanda,

   a) jikkonsulta lill-ewwel Stat Membru bil-ħsieb li jaslu, jekk ikun possibbli, għal soluzzjoni komuni?; u/jew

   b) jitlob li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Kumitat ta' Kuntatt stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/13/UE, iċċitata iktar 'il fuq?; u/jew

   c) jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea?; u/jew

   d) jistieden lill-ewwel Stat Membru, li ta konċessjoni relatata ma' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva, li jirtiraha u, f'każ ta' rifjut, juża l-proċeduri ġudizzjarji disponibbli u effettivi f'dan l-ewwel Stat Membru sabiex jikkontesta dan ir-rifjut li l-konċessjoni tiġi rtirata?

4) Ir-risposta li tingħata għat-tieni u għat-tielet domanda hija influwenzata mill-fatt li r-regolatur awdjoviżiv għandu personalità ġuridika distinta u rimedji differenti mill-Istat Membru li jaqa' taħtu?

5) Fis-sitwazzjoni fejn servizz tal-midja awdjoviżiva jkun is-suġġett ta' konċessjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru, l-Artikolu 344 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE u mad-Direttiva 2010/13/UE, iċċitata iktar 'il fuq, jipprojbixxi li qorti nazzjonali tat-tieni Stat Membru tiddeċiedi li l-awtorità regolatorja ta' dan it-tieni Stat Membru ġustament qieset lilha nnifisha kompetenti sabiex tissorvelja dan is-servizz, peress li, billi tagħmel dan, dik il-qorti tkun impliċitament iddeċidiet li l-ewwel Stat Membru interpreta l-kompetenza tiegħu b'mod ħażin u tkun indirettament tat deċiżjoni dwar tilwima bejn żewġ Stati Membri dwar l-interpretazzjoni u/jew l-applikazzjoni tad-dritt Ewropew? F'tali sitwazzjoni, il-qorti nazzjonali ta' dan it-tieni Stat Membru għandha sempliċiment tannulla d-deċiżjoni ta' din l-awtorità regolatorja, għar-raġuni li s-servizz tal-midja awdjoviżiva inkwistjoni diġà kien is-suġġett ta' konċessjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal judiciaire d'Auch (Franza) fit-23 ta' Novembru 2022 – EP vs Préfet du Gers, Institut national de la statistique et des études économiques (INSEE)**

**(Kawża C-716/22)**

(2023/C 83/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal judiciaire d'Auch

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* EP

*Konvenuti:* Préfet du Gers, Institut national de la statistique et des études économiques (INSEE)

*Parti oħra fil-proċedura:* Commune de Thoux irrappreżentat mis-Sindku ta' Thoux

**Domandi preliminari**

1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta’ Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([1]) hija parzjalment invalida sa fejn il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jikser l-Artikoli 1, 7, 11, 21, 39 u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-prinċipju ta’ proporzjonalità tal-Artikolu 52 ta’ din l-istess Karta, peress li ma jinkludix dispożizzjoni li tippermetti li jinżamm id-dritt għall-vot fl-elezzjonijiet Ewropej għaċ-ċittadini tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja, li jkunu eżerċitaw il-moviment liberu tagħhom u l-libertà tagħhom li jistabbilixxu ruħhom fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor, li tawtorizza jew le n-nazzjonalità doppja, b’mod partikolari għal dawk li għexu fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor għal iktar minn ħmistax-il sena u li huma suġġetti għal-liġi tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja msejħa “15 year rule”, u b’hekk jirrendi iktar serja ċ-ċaħda minn kwalunkwe dritt għall-vot, għal persuni li ma kellhomx id-dritt li jivvotaw kontra t-telf taċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom u wkoll għal dawk li ħadu ġurament ta’ lealtà lejn il-Kuruna tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja?

2) Id-Deċiżjoni (UE)2020/135, il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 1 tal-Att dwar l-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta’ Settembru 1976 ([2]), is-sentenza Spanja vs Ir-Renju Unit C-145/04 tat-12 ta’ Settembru 2006 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 1, 7, 11, 21, 39 u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u s-sentenza Préfet du Gers C-673/20 tad-9 ta’ Ġunju 2022 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati bħala li jċaħħdu lill-ex ċittadini tal-Unjoni li jkunu eżerċitaw id-dritt għall-moviment liberu tagħhom u l-libertà tagħhom li jistabbilixxu ruħhom fit-territorju tal-Unjoni Ewropea mid-dritt għall-vot u ta’ eliġibbiltà għall-elezzjonijiet Ewropej fi Stat Membru, kif ukoll, b’mod iktar speċifiku, lill-ex ċittadini tal-Unjoni li ma għad fadlilhom l-ebda dritt għall-vot minħabba l-eżerċizzju tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja tagħhom fit-territorju tal-Unjoni għal iktar minn ħmistax-il sena u li ma setgħux jopponu ruħhom permezz ta’ vot kontra l-ħruġ tal-Istat Membru tagħhom mill-Unjoni Ewropea li wassal għat-telf taċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom?

([1]) ĠU 2020, L 29, p. 1.

([2]) ĠU 1976, L 278, p. 1.

---

**Appell ippreżentat fit-30 ta’ Novembru 2022 minn Google LLC, Alphabet, Inc. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) fl-14 ta’ Settembru 2022 fil-Kawża T-604/18, Google u Alphabet vs Il-Kummisjoni**

**(Kawża C-738/22 P)**

(2023/C 83/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Google LLC, Alphabet, Inc. (rappreżentanti: G. Forwood, J. Killick u N. Levy, avocats, A. Komninos, dikigoros, A. Lamadrid de Pablo, abogado, D. Gregory u H. Mostyn, Barristers, M. Pickford KC, J. Schindler, Rechtsanwalt, u P. Stuart, Barrister-at-Law)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Application Developers Alliance, Computer & Communications Industry Association, Gigaset Communications GmbH, HMD global Oy, Opera Norway AS, preċedentement Opera Software AS, BDZV – Bundesverband Digitalpublisher und Zeitungsverleger eV, preċedentement Bundesverband Deutscher Zeitungsverleger eV, Bureau européen des unions de consommateurs (BEUC), FairSearch AISBL, Qwant, Seznam.cz, a.s., Verband Deutscher Zeitschriftenverleger eV

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2018 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.40099 — Google Android) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni");

— sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— iktar sussidjarjament, tannulla l-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata u tiffissa l-ammont tal-multa imposta fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni għal ammont kunsiderevolment inqas għoli; u

— tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tal-appellanti marbuta ma' dawn il-proċeduri u mal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell, l-appellanti jinvokaw sitt aggravji.

L-ewwel aggravju: il-Qorti Ġenerali żbaljat fl-evalwazzjoni tagħha tar-rabta kawżali bejn il-kundizzjonijiet ta' preinstallazzjoni tal-Ftehim ta' Distribuzzjoni tal-Applikazzjonijiet Mobbli (FDAM) u l-allegati effetti ta' esklużjoni tagħhom.

— Il-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat il-legalità tal-kundizzjonijiet ta' preinstallazzjoni tal-FDAM b'riferiment għall-effetti kkombinati ta' FDAM ikkontestati u tal-Ftehimiet ta' Tqassim tad-Dħul (FTD).

— Il-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa jekk l-għażliet tal-utenti li ma jniżżlux applikazzjonijiet kompetituri iktar ta' spiss kinux attribwibbli għal preinstallazzjoni abbużiva iktar milli għal preferenzi tal-utent.

— Il-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod żbaljat li l-evidenza dwar il-parametru predefinit kienet rilevanti għall-analiżi tal-kundizzjonijiet ta' preinstallazzjoni tal-FDAM.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-analiżi tagħha tal-kundizzjonijiet ta' preinstallazzjoni ta' FDAM billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' kompetizzjoni li kien ikun hemm fl-assenza ta' tali kundizzjonijiet.

It-tieni aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonfermat id-Deċiżjoni minkejja n-nuqqas tagħha li tistabbilixxi kapaċità ta' esklużjoni ta' kompetituri daqstant effiċjenti.

— Il-Qorti Ġenerali naqset milli tistħarreġ jekk l-abbinament tal-applikazzjoni ta' tiftix ġenerali (Google Search) mal-portal ta' bejgħ (Play) setax jeskludi kompetituri daqstant effiċjenti ta' servizzi ta' tiftix ġenerali.

— Il-Qorti Ġenerali naqset milli tistħarreġ jekk l-abbinament ta' browser (Chrome) mal-portal ta' bejgħ (Play) u mal-applikazzjoni ta' tiftix ġenerali (Google Search) setax jeskludi kompetituri daqstant effiċjenti ta' browsers.

It-tielet aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball billi kkonstatat mill-ġdid l-abbuż fid-Deċiżjoni dwar l-obbligi ta' antiframmentazzjoni u billi attribwixxiet l-allegati effetti ta' esklużjoni għal aġir li d-Deċiżjoni ma kkonstatatx bħala abbużiv.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball billi kkonstatat mill-ġdid il-karatterizzazzjoni tad-Deċiżjoni ta' aġir abbużiv marbut mal-obbligi ta' antiframmentazzjoni.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta attribwixxiet l-allegati effetti ta' esklużjoni lil aġir li, skont id-Deċiżjoni, ma kienx abbużiv.

Ir-raba' aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-evalwazzjoni tagħha tal-ġustifikazzjonijiet oġġettivi tal-obbligi ta' antiframmentazzjoni.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta naqset milli teżamina n-neċessità tal-obbligi ta' antiframmentazzjoni kkontestati.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball peress li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-interess leġittimu ta' Google fir-rigward tal-protezzjoni tal-ekosistema sħiħa Android, inkluż b'mod partikolari tagħmir mhux GMS.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonstatat id-Deċiżjoni minkejja n-nuqqas tad-Deċiżjoni li tevalwa b'mod korrett il-kundizzjonijiet li fihom Google adottat liċenzja open-source għal Android.

— Il-Qorti Ġenerali ma evalwatx b'mod korrett l-evidenza fil-fajl rigward in-neċessità tal-ftehim antiframmentazzjoni, fid-dawl tal-inadegwatezza ta' soluzzjoni bbażata fuq it-trade mark.

Il-ħames aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonfermat id-Deċiżjoni minkejja l-esklużjoni tal-abbuż tal-portafoll RSA.

Is-sitt aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta eżerċitat ġurisdizzjoni llimitata sabiex temenda l-multa.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta**

**(Kawża C-23/23)**

(2023/C 83/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes u R. Lindenthal, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika ta' Malta

### Talbiet

— tiddikjara li, bl-adozzjoni ta' sistema ta' deroga li tippermetti l-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana selvaġġi (l-isponsun, *Fringilla coelebs*, il-ġojjin, *Carduelis cannabina*, il-gardell, *Carduelis carduelis*, il-verdun, *Carduelis chloris*, taż-żebbuġ, *Coccothraustes coccothraustes*, l-apparell, *Serinus serinus*, u l-ekru, *Carduelis spinus*), ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5 u taħt l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ([1]) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-għasafar"), moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-għasafar; u

— tikkundanna lir-Repubblika ta' Malta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Filwaqt li invokat l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-għasafar, fl-2014 Malta introduċiet sistema ta' deroga li tawtorizza l-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana selvaġġi għal finijiet ta' rekreazzjoni, li fil-kuntest tagħha awtorizzat l-istaġuni tal-insib fl-2014 u fl-2015. Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta (C-557/15, EU:C:2018:477), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din is-sistema ta' deroga ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-għasafar. Malta neħħiet din is-sistema ta' deroga.

F'Ottubru 2020, Malta adottat sistema ta' deroga simili għall-insib għall-istess speċi ta' għasafar tal-għana. Din id-darba Malta invokat id-deroga prevista fl-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva dwar l-għasafar, filwaqt li argumentat li s-sistema ta' deroga l-ġdida kellha għanijiet ta' riċerka. Malta fetħet l-istaġuni tal-insib għall-allegata "riċerka" fl-2020, fl-2021 u fl-2022.

Id-Direttiva dwar l-għasafar tobbliga lill-Istati Membri jipprojbixxu l-qabda u ż-żamma ta' għasafar selvaġġi, bħalma huma l-għasafar tal-għana inkwistjoni, u l-qabda ta' għasafar selvaġġi permezz ta' mezzi mhux selettivi, bħalma huma x-xbiek u n-nases. Kwalunkwe deroga minn dawn il-projbizzjonijiet għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet stretti previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar.

Il-Kummissjoni tqis li Malta ma stabbilixxietx li l-kundizzjonijiet għal deroga skont l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva dwar l-għasafar huma ssodisfatti. L-ewwel, Malta naqset milli tistabbilixxi li s-sistema ta' deroga tagħha għandha għan ġenwin ta' riċerka. It-tieni, Malta naqset milli tagħti raġunijiet għall-assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra. It-tielet, Malta naqset milli tistabbilixxi assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra fil-mertu.

([1]) ĠU 2010, L 20, p. 7.

---

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2023 minn Citizens' Committee of the European Citizens' Initiative "Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe" mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fid-9 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-158/21, Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-26/23 P)**

(2023/C 83/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Citizens' Committee of the European Citizens' Initiative "Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe" (rappreżentant: T. Hieber, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, L-Ungerija, Ir-Repubblika Ellenika u Ir-Repubblika Slovakka.

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-158/21 u tannulla l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 171 final tal-14 ta' Jannar 2021;

— jew, sussidjarjament, tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-158/21 u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

— Ksur tal-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawża lil relatur ġdid kienet tmur kontra l-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

— Ksur tal-Artikolu 9 TUE. Il-Qorti Ġenerali injorat li l-Kummissjoni ma tatx l-istess attenzjoni lill-inizjattivi kollha taċ-ċittadini Ewropej, li setgħu jiġbru mill-inqas miljun firma u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti fir-Regolament IĊE applikabbli.

— Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kompetenzi tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti Ġenerali injorat il-kompetenzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Minority SafePack.

— Interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "żball manifest ta' evalwazzjoni". Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi żiedet rekwiżiti addizzjonali.

— Żball manifest ta' evalwazzjoni. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ċaħdet l-argument tal-appellant li skontu l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-miżuri mressqa fil-komunikazzjoni kkontestata sabiex tiġġustifika r-rifjut tagħha li tadotta l-proposti 1 u 3 tal-Inizjattiva Minority SafePack.

— Ksur tal-oneru tal-prova. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li imponiet b'mod żbaljat l-oneru tal-prova fuq l-appellant.

— Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Il-Qorti Ġenerali injorat il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-komunikazzjoni kkontestata.

— Ksur tal-Artikolu 36 tal-Istatut. Il-motivazzjoni pprovduta mill-Qorti Ġenerali kienet kontradittorja u insuffiċjenti.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-617/17 RENV)** ([1])

*("Responabbiltà mhux kuntrattwali – Strument ta' għajnuna għal qabel l-adeżjoni – Investigazzjoni tal-OLAF – Spezzjoni fuq il-post – Irregolaritajiet u nuqqasijiet allegatament imwettqa mill-Kummissjoni – Dritt għal smigħ – Dannu morali – Rabta kawżali")*

(2023/C 83/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vialto Consulting Kft. (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentanti: S. Paliou u A. Skoulikis, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou, J. Baquero Cruz u A. Katsimerou, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE, ir-rikorrenti titlob kumpens għad-dannu li hija allegatament ġarrbet minħabba illegalitajiet li twettqu, minn naħa, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) waqt spezzjoni li saret fil-bini tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, mill-Kummissjoni Ewropea insegwitu tal-imsemmija spezzjoni.

**Dispożittiv**

1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil Vialto Consulting Kft. kumpens ta' EUR 5 000 bħala dannu morali mġarrab.

2) Il-kumpens li għandu jitħallas lil Vialto Consulting għandu jiżdied b'interessi moratorji, sa mill-għoti ta' din is-sentenza u sal-ħlas sħiħ tal-imsemmi kumpens, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, applikabbli matul il-perijodu kkonċernat, b'żieda ta' żewġ punti perċentwali.

3) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-proċedura ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-Kawża C-650/19 P, kif ukoll għal dawk marbuta mal-proċedura inizjali, fil-kuntest tal-Kawża T-617/17, u mal-proċedura ta' rinviju, fil-kuntest tal-Kawża T-617/17 RENV, quddiem il-Qorti Ġenerali.

([1]) ĠU C 402, 27.11.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-537/18)** ([1])

*("Strument ta' għajnuna għal qabel l-adeżjoni – Sussidju – Investigazzjonijiet tal-OLAF – Sanzjoni amministrattiva – Esklużjoni tal-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti u tal-għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal perijodu ta' sentejn – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2185/96 – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Aspettattivi leġittimi – Ġurisdizzjoni sħiħa – Proporzjonalità tas-sanzjoni")*

(2023/C 83/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vialto Consulting (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentanti: V. Christianos, A. Politis u G. Kelepouri, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Katsimerou u R. Pethke, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Ġunju 2018 li permezz tagħha hija ġiet eskluża għal perijodu ta' sentejn mill-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, mill-proċeduri tal-għoti ta' sussidji, mill-proċeduri ta' strumenti finanzjarji (għall-istrumenti ta' investiment partikolari u għall-intermedjarji finanzjarji) u mill-proċeduri ta' prezzijiet irregolati mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), u mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU 2015, L 58, p. 17), u ordnat il-pubblikazzjoni ta' din l-esklużjoni fuq is-sit internet tagħha, u, min-naħa l-oħra, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, hija titlob il-kumpens għad-dannu allegatament imġarrab minnha minħabba din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Vialto Consulting Kft. hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 427, 26.11.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Landwärme vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-626/20)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat – Suq tal-bijogass – Eżenzjonijiet fiskali li jikkumpensaw l-ispejjeż addizzjonali ta' produzzjoni – Deċiżjonijiet li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Assenza ta' ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali – Diffikultajiet serji – Artikolu 108(2) u (3) TFUE – Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2015/1589 – Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija għall-perijodu 2014-2020 – Kumulu ta' għajnuna – Għajnuna mogħtija minn diversi Stati Membri – Bijogass importat – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Artikolu 110 TFUE")***

(2023/C 83/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Landwärme GmbH (Munich, il-Ġermaniż) (rappreżentanti: J. Bonhage u M. Frank, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck, A. Bouchagiar u P. Němečková, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvenut:* Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: O. Simonsson, C. Meyer-Seitz, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, H. Shev, H. Eklinder u R. Shahsavan Eriksson, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4489 final tad-29 ta' Ġunju 2020 dwar l-għajnuna mmill-Istat SA.56125 (2020/N) – L-Isvezja – Prolongation and modification of SA.49893 (2018/N) – Tax exemption for non-food based biogas and bio-propane in heat generation, u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4487 final tad-29 ta' Ġunju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56908 (2020/N) – L-Isvezja – Prolongation and modification of biogas scheme for motor fuel in Sweden.

**Dispożittiv**

1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4489 final tad-29 ta’ Ġunju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56125 (2020/N) – L-Isvezja – Prolongation and modification of SA.49893 (2018/N) – Tax exemption for non-food based biogas and bio-propane in heat generation, hija annullata.

2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4487 final tad-29 ta’ Ġunju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56908 (2020/N) – L-Isvezja – Prolongation and modification of biogas scheme for motor fuel in Sweden, hija annullata.

3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti minn Landwärme GmbH.

4) Ir-Renju tal-Isvezja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

(1) ĠU C 414, 30.11.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta’ Diċembru 2022 – Grünig vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-746/20)** [1]

***(“Dumping – Importazzjonijiet ta’ ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw miċ-Ċina – Dazji antidumping definittivi – Eżenzjoni ta’ importazzjonijiet li huma s-suġġett ta’ użu finali – Rikors għal annullament – Natura diviżibbli – Att regolatorju li jinkludi miżuri ta’ eżekuzzjoni – Inċidenza diretta – Att li jista’ jiġi kkontestat – Ammissibbiltà – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Dazju impost b’mod nondiskriminatorju – Ugwaljanza fit-trattament”)***

(2023/C 83/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Grünig KG (Bad Kissingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: Y. Melin u I. Fressynet, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck, G. Luengo u M. Gustafsson, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta’ Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2020, L 315, p. 1).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Grünig KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 53, 15.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – EOC Belgium vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-747/20)** [1]

***("Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti alkohols tal-polivinil li joriġinaw miċ-Ċina – Dazji antidumping definittivi – Eżenzjoni ta' importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' użu finali – Rikors għal annullament – Natura diviżibbli – Att regolatorju li jinkludi miżuri ta' eżekuzzjoni – Inċidenza diretta – Att li jista' jiġi kkontestat – Ammissibbiltà – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Dazju impost b'mod nondiskriminatorju – Ugwaljanza fit-trattament")***

(2023/C 83/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* EOC Belgium (Oudenaarde, il-Belġju) (rappreżentanti: Y. Melin u I. Fressynet, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck, G. Luengo u M. Gustafsson, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkohols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2020, L 315, p. 1).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) EOC Belgium hija kkundannata għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 53, 15.2.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2023 – Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-33/21)** [1]

***("FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Infiq imwettaq mir-Rumanija – Programm nazzjonali għall-iżvilupp rurali 2007-2013 – Metodi ta' kalkolu tar-rati ta' sostenn relatati mas-submiżura '1a' tal-miżura 215 – Pagamenti għall-benesseri tal-'ħnieżer għas-simna' u 'ħnieżer qabel ir-refgħa' – Żieda ta' mill-inqas 10 % tal-ispazju disponibbli allokat lil kull annimal – Obbligu ta' motivazzjoni – Aspettattivi leġittimi – Ċertezza legali – Klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti – Artikolu 12(6) u (7) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 – Linji gwida dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità u ta' clearance tal-kontijiet")***

(2023/C 83/21)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Rumanija (rappreżentanti: E. Gane u L. E. Baţagoi, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Aquilina, A. Biolan u M. Kaduczak, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha, ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-Rumanija titlob l-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1734 tat-18 ta' Novembru 2020 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2020, L 390, p. 10), sa fejn din teskludi ċertu nfiq li hija sostniet għas-snin finanzjarji 2017 sa 2019 għal ammont ta' EUR 18 717 475,08.

**Dispożittiv**

1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1734 tat-18 ta' Novembru 2020 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa fejn din teskludi mill-finanzjament ċertu nfiq li r-Rumanija sostniet taħt il-FAEŻR għas-snin finanzjarji 2017 sa 2019 u għal ammont ta' EUR 18 717 475,08.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 163, 3.5.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Firearms United Network vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-187/21)** (1)

***("REACH – Regolament (UE) 2021/57 – Aġġornament tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Restrizzjoni fuq iċ-ċomb – Użu taċ-ċomb mill-kaċċa fl-artijiet mistagħdra jew madwarhom – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Proporzjonalità – Ċertezza legali – Preżunzjoni ta' innoċenza")***

(2023/C 83/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Firearms United Network (Varsavja, il-Polonja), Tomasz Walter Stępień (Żelechów, il-Polonja), Michał Budzyński (Cegłów, il-Polonja), Andrzej Marcjanik (Złotokłos, il-Polonja) (rappreżentant: E. Woźniak, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u K. Mifsud-Bonnici,)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenut:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentant: J. Möller, aġent), ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: T. Stéhelin u G. Bain, aġenti), Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: M. Heikkilä, W. Broere u N. Herbatschek, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/57 tal-25 ta' Jannar 2021 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) rigward iċ-ċomb fil-pritkuni sparati fl-artijiet mistagħdra jew fl-inħawi tagħhom (ĠU 2021, L 24, p. 19).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Firearms United Network u MM. Tomasz Walter Stępień, Michał Budzyński u Andrzej Marcjanik għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-ispejjeż relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

3) Firearms United Network u Tomasz Walter Stępień, Michał Budzyński u Andrzej Marcjanik għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-ispejjeż relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

---

([1]) ĠU C 217, 7.6.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – EWC Academy vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-330/21)** ([1])

***("Politika soċjali – Sussidji intiżi għal azzjonijiet previsti li jippromwovu l-inizjattivi fil-qasam tal-governanza tal-impriżi – Sejħa għal proposti VP/2020/008 – Esklużjoni tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej li ma għandhomx personalità ġuridika – Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1046")***

(2023/C 83/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* EWC Academy GmbH (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Däubler-Gmelin, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Pethke u B.-R. Killmann, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-14 ta' April 2021 li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet it-talba għal sussidju li hija kienet issottomettiet, bħala koordinatriċi ta' konsorzju, fil-kuntest tas-sejħa għal proposti VP/2020/008 dwar il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-governanza tal-impriżi.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-14 ta' April 2021 li tiċħad talba għal sussidju mressqa minn EWC Academy GmbH abbażi tas-sejħa għal proposti VP/2020/008 hija annullata.

2) Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti minn EWC Academy.

---

([1]) ĠU C 320, 9.8.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2023 – YAplus DBA Yoga Alliance vs EUIPO – Vidyanand (YOGA ALLIANCE INDIA INTERNATIONAL)**

**(Kawża T-443/21)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva YOGA ALLIANCE INDIA INTERNATIONAL – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti yoga ALLIANCE – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Eżami ex officio tal-fatti – Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001")***

(2023/C 83/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* YAplus DBA Yoga Alliance (Arlington, Virginia, l-Istati Uniti) (rappreżentant:: A. Thünken, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Frydendahl u V. Ruzek, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Swami Vidyanand (Villupuram, l-Indja) (rappreżentanti: L. Saglietti u E. Bianco, avukati)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-17 ta' Mejju 2021 (Każ R 1062/2020-1).

### Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) YAplus DBA Yoga Alliance hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 368, 13.9.2021.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Pharmadom vs EUIPO – Wellbe Pharmaceuticals (WellBe PHARMACEUTICALS)

**(Kawża T-644/21)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva WellBe PHARMACEUTICALS – Trade mark nazzjonali verbali preċedenti WELL AND WELL – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Assenza ta' xebh bejn sinjali – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2023/C 83/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Pharmadom (Boulogne-Billancourt, Franza) (rappreżentant: M.-P. Dauquaire, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Wellbe Pharmaceuticals S.A. (Varsavja, il-Polonja)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-12 ta' Lulju 2021 (Każ R 1423/2020-5).

### Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Pharmadom hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 37, 24.1.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2023 – Rolex vs EUIPO – PWT (Rappreżentazzjoni ta' kuruna)**

**(Kawża T-726/21)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – -Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva li tirrappreżenta kuruna – Trade marks figurattivi preċedenti tal-Unjoni Ewropea li jirrappreżentaw kuruna u ROLEX – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Assenza ta' ħsara għar-reputazzjoni – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001)")***

(2023/C 83/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Rolex SA (Genève, l-Isvizzera) (rappreżentanti: C. Sueiras Villalobos, P. Tent Alonso u V. Gigante Pérez, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* PWT A/S (Aalborg, id-Danimarka) (rappreżentanti: A. Skovfoged Melgaard u C. Barrett Christiansen, avukati)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-25 ta' Awwissu 2021 (Każ R 2389/2020-4).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Rolex SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 11, 10.1.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2023 – Dorsum vs EUIPO – id Quantique (Clavis)**

**(Kawża T-758/21)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Clavis – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea preċedenti CLAVIS – Assenza ta' identifikazzjoni tat-trade mark preċedenti fl-att ta' oppożizzjoni – Kundizzjonijiet għall- ammissibbiltà tal-oppożizzjoni")***

(2023/C 83/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Dorsum Informatikai Fejlesztő és Szolgáltató Zrt. (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: G. Hajdu, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Stoyanova-Valchanova u D. Hanf, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* id Quantique SA (Carouge, l-Isvizzera) (rappreżentant: F. Nielsen, avukat)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob ir-riforma jew l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-22 ta' Settembru 2021 (Każ R 189/2021-1).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Dorsum Informatikai Fejlesztő és Szolgáltató Zrt. għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

3) id Quantique SA għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

(1) ĠU C 51, 31.1.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – Puma vs EUIPO – DN Solutions (PUMA)**

**(Kawża T-4/22)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea PUMA – Trade mark figurattiva internazzjonali preċedenti PUMA – Raġuni relattiva għal rifjut – Ħsara lir-reputazzjoni – Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001]")***

(2023/C 83/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. González-Bueno Catalán de Ocón, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* DN Solutions Co. Ltd., li kienet Doosan Machine Tools Co. Ltd. (Seongsan-gu, Changwon-si, il-Korea ta' Fuq) (rappreżentanti: R. Böhm u C. Brecht, avukati)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' Ottubru 2021 (Każ R 1677/2020-1).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Puma SE għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

(1) ĠU C 109, 7.3.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2022 – OM vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-118/22)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Reklutaġġ – Avviż ta' pożizzjoni vakanti – Ċaħda ta' kandidatura – Ħatra ta' kandidat ieħor – Pożizzjoni ta' membru tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju – Obbligu ta' motivazzjoni – Ksur tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti – Aspettattivi leġittimi – Ugwaljanza fit-trattament – Żball manifest ta' evalwazzjoni")***

(2023/C 83/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* OM (rappreżentant: G. Paris, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Melo Sampaio u A.-C. Simon, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tad-29 ta' April 2021, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea ċaħdet il-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' membru tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju u informatu dwar il-ħatra ta' kandidat ieħor għal din il-pożizzjoni.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) OM huwa kkundannat għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 191, 10.5.2022.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2023 – Seifert vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-166/22)** ([1])

***("Rikors għal annullament – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Miżuri li jkopru liċ-ċittadini Russi, lill-persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja u lill-persuni ġuridiċi, entitajiet u organi stabbiliti fir-Russja – Assenza ta' interess ġuridiku – Inammissibbiltà")***

(2023/C 83/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Evgenia Seifert (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Seifert, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Haas u A. Westerhof Löfflerová, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tal-punt 9 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/328 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2022, L 49, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 114, p. 212), sa fejn din id-dispożizzjoni tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni moqri flimkien mad-dritt tagħha tar-rispett għall-ħajja privata.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Evgenia Seifert għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) ĠU C 222, 7.6.2022.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Jannar 2023 – Vleuten Insects u New Generation Nutrition vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-500/22 R)**

***("Miżuri provviżorji – Sigurtà tal-prodotti tal-ikel – Ikel ġdid – Regolament (UE) 2015/2283 – Awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-larva ta' Alphitobius diaperinus – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza")***

(2023/C 83/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vleuten Insects vof (Hoogeloon, il-Pajjiżi l-Baxxi), New Generation Nutrition BV (Helvoirt, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: N. Carbonnelle, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Rous Demiri u F. van Schaik, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tat-talba tagħhom abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE, ir-rikorrenti jitolbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 3478 finali, tat-2 ta' Ġunju 2022, li ttemm il-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-larva ta' *Alphitobius diaperinus* bħala ikel ġdid mingħajr aġġornament tal-lista tal-ikel ġdid tal-Unjoni.

**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2022 – SN vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-689/22)**

(2023/C 83/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* SN (rappreżentanti: L. Levi and P. Baudoux, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tal-11 ta' Jannar 2022 sa fejn iżżid, bħala restrizzjoni li għandha tiġi osservata meta r-rikorrent ikun bil-leave għal raġunijiet personali, il-kundizzjoni li ma jkunx involut, jipparteċipa jew jagħti pariri fi proċeduri u/jew materji mwettqa minn jew li jinvolvi lill-Kummissjoni Ewropea u lill-qrati tal-Unjoni u li ma jidħolx f'kuntatti professjonali diretti jew indiretti (inkluż bil-miktub) mad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni fil-kuntest tax-xogħol attwali tiegħu,

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-27 ta' Lulju 2022 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent,

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kisret l-Artikolu 40 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018)4048 tad-29 ta' Ġunju 2018 dwar attività u assenjazzjonijiet esterni u fuq attivitajiet okkupazzjonali wara t-tluq mis-servizz, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2022 – Zásilkovna vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-784/22)**

(2023/C 83/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Zásilkovna s. r. o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: R. Kubáč, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2022) 5136 final tal-15 ta' Lulju 2022 fil-Każ SA.55208 (2020/C) – għoti ta' kumpens lill-Posta Ċeka għall-obbligu ta' servizz universali fis-settur tal-posta matul il-perijodu 2018-2022.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha r-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret rekwiżit formali essenzjali sa fejn id-deċiżjoni tagħha ma hijiex debitament immotivata. B'mod partikolari, il-motivazzjoni tal-Kummissjoni hija limitata għal sempliċi dikjarazzjonijiet mhux iddettaljati u tinjora r-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti mill-ġurisprudenza rilevanti. Għalhekk, il-Kummissjoni ma mmotivatx suffiċjentement din id-devjazzjoni mill-ġurisprudenza u mill-opinjonijiet preliminari li hija kienet esprimiet. Konsegwentement, il-Kummissjoni kisret id-dritt proċedurali essenzjali tar-rikorrenti peress li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea huma obbligati li jimmotivaw l-atti inkwistjoni sabiex ikun żgurat li dawn ikunu jistgħu jiġu mistħarrġa minn qorti.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-Posta Ċeka talloka l-ispejjeż tal-obbligi tagħha ta' servizz universali (iktar il-Quddiem "OSU" fis-settur postali b'mod separat mill-ispejjeż tal-attivitajiet tagħha (kummerċjali) mhux koperti mill-OSU. Madankollu, ir-rikorrenti hija konvinta li l-ispejjeż marbuta mal-investimenti fl-infrastrutturi u mal-operat tan-network ma humiex kondiviżi proporzjonalment bejn is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (iktar il-quddiem "SIEG") u l-attivitajiet kummerċjali l-oħra tal-Posta Ċeka peress li wħud mill-ispejjeż li jaqgħu taħt l-OSU (bħalma huma l-persunal, it-tagħmir inklużi l-vetturi, id-databases, etċ.) huma effettivament allokati wkoll għal attivitajiet kummerċjali li ma jaqgħux taħt OSU. Il-konklużjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-kalkolu tal-ispiża netta evitata jinkludi biss l-ispejjeż neċessarji sabiex jitwettqu l-OSU ma tfissirx awtomatikament li l-Posta Ċeka ma tużax dawn l-istess spejjeż (per eżempju għall-persunal, għat-tagħmir inklużi l-vetturi, għad-databases, etċ.) ukoll għal attivitajiet kummerċjali mhux marbuta ma OSU. Għaldaqstant, il-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat ir-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u b'dan il-mod kisret it-TFUE.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi injorat kompletament, jew billi ma indirizzatx suffiċjentement ċerti oġġezzjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-eżistenza ta' kumpens żejjed lill-Posta Ċeka, jiġifieri b'mod partikolari li (i) l-OSU jista' jitwettaq minn operaturi privati fuq bażi kummerċjali mingħajr ebda għajnuna; (ii) il-perijodi ta' deprezzament għall-finijiet tal-perijodu tal-mandat huma kompletament infondati, u (iii) jeżistu preżunzjonijiet żbaljati fix-xenarju kontrafattwali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat ir-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u b'dan il-mod kisret it-TFUE.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li s-sussidju inkroċjat lill-Posta Ċeka ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Madankollu, skont ir-rikorrenti, is-sussidju inkroċjat lill-Posta Ċeka fih innifsu jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli taħt l-Artikolu 107(1) TFUE li kienet diġà qed tingħata minn tal-inqas mill-perijodu 2013-2017 (iżda probabbilment saħansitra minn qabel) li kellu jiġi eżaminat fil-fond mill-Kummissjoni fi proċedura amministrattiva separata, u mhux b'mod inċidentali fil-kuntest tal-Każ SA.55208 (2020/C) li huwa limitat għall-perijodu 2018-2022. Madankollu, il-Kummissjoni żbaljatament ikkonkludiet li dan is-sussidju inkroċjat bl-ebda mod ma jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Din il-konklużjoni hija żbaljata kemm mill-perspettiva fattwali kif ukoll minn dik legali. Barra minn hekk, din tikkuntrasta bil-qawwi mal-ġurisprudenza stabbilita sewwa kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat ir-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u b'dan il-mod kisret it-TFUE.

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2023 – Franza vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-7/23)**

(2023/C 83/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: T. Stéhelin, B. Fodda u E. Leclerc, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tannulla l-Avviż ta' Kompetizzjoni Ġenerali EPSO/AD/401/22, Amministraturi (AD 6) fl-oqsma tal-enerġija, tal-klima u tal-ambjent;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-555/22, Franza vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2023 – Balaban vs EUIPO – Shenzhen Stahlwerk Welding Technology (STAHLWERK)

**(Kawża T-13/23)**

(2023/C 83/35)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Okan Balaban (Bornheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schaaf, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Shenzhen Stahlwerk Welding Technology Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “STAHLWERK”– Trade mark tal-Unjoni Nru 11 554 201

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta’ Ottubru 2022 fil-Każ R 2060/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta’ Jannar 2023 – Laboratorios Normon vs EUIPO – Sofar (NORMOCARE)**

**(Kawża T-19/23)**

(2023/C 83/36)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratorios Normon, SA (Tres Cantos, Spanja) (rappreżentant: I. Gonzalez-Mogena Gonzalez, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sofar SpA (Trezzano Rosa, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “NORMOCARE” – Trade mark tal-Unjoni Nru 17 767 294

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta’ Ottubru 2022 fil-Każ R 916/2022-1

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u, sa fejn ikun xieraq, lil Sofar Spa għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2023 – Japan Tobacco vs EUIPO – Dunhill Tobacco of London (FLOW FILTER)

**(Kawża T-20/23)**

(2023/C 83/37)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Japan Tobacco, Inc. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: J. Gracia Albero u E. Cebollero González, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Dunhill Tobacco of London Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "FLOW FILTER" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 18 002 134

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Ottubru 2022 fil-Każ R 1774/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din ikkonfermat iċ-ċaħda tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità fir-rigward tal-prodotti kkontestati;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi tal-Artikolu 190(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u quddiem il-Ħames Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta’ Jannar 2023 – Chart vs EUIPO (ABSOLUTEFLOW)**

**(Kawża T-21/23)**

(2023/C 83/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Chart Inc. (Ball Ground, Georgia, l-Istati Uniti tal-Amerika) (rappreżentanti: R. Drożdż u J. Wachinger, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ABSOLUTEFLOW – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 669 744

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta’ Ottubru 2022 fil-Każ R 1583/2022-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Jannar 2023 – Markt-Pilot vs EUIPO (MARKT-PILOT)**

**(Kawża T-22/23)**

(2023/C 83/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mark-Pilot GmbH (Beilstein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Nielen, avukat, u A. Puff, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “MARKT-PILOT” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 531 626

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta’ Novembru 2022 fil-Każ R 672/2022-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2023 – GKP vs EUIPO – Cristalfarma (TIARA RUBIS)

## (Kawża T-518/22) [1]

(2023/C 83/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

(1) ĠU C 398, 17.10.2022.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT